MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-28 ta' Ottubru, 2009

Citazzjoni Numru. 62/2006

**A B sive C D, imwielda E**
**vs**
**F D**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk:

1. Illi attrici zzewget lill-konvenut fil-hamsa (5) ta' Frar tas-sena elf disa' mija tlieta u tmenin (1983) gewwa Hal Qormi (Dokument A);

2. Illi minn dan iz-zwieg twieldu zewgt itfal, Ryan li llum huwa magorenni, u Tracey li ghadha minorenni;

3. Illi l-kunsens ta' kemm l-attrici kif ukoll il-konvenut kien vizzjat b' difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju dwar

il-hajja mizzewga jew id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha;

4. Illi l-kunsens tal-konvenut kien ukoll vizzjat b' anomalija psikologika serja li ghamlitha impossibli ghalih li jaqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;

5. Illi l-kunsens tal-attrici ghal dan iz-zwieg kien ukoll inkiseb bi vjolenza fizika jew morali, jew biza;

6. Illi l-kontendenti huma separati *de facto*;

7. Illi z-zwieg ta' bejn il-kontendenti huwa null u bla effett minhabba ragunijiet imputabbli kemm lill-attrici kif ukoll lil konvenut;

8. Illi skond id-disposizzjonijiet tal-artikolu 19 tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta iz-zwieg ta' bejn il-kontendenti huwa null u bla effett minhabba ragunijiet imputabbli kemm lill-attrici kif ukoll lill-konvenut;

Ghaldaqstant l-attrici umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:

1. Tiddikjara u tiddeciedi li z-zwieg li sar bejn il-kontendenti fil-5 ta' Frar 1983 huwa null u bla effett ghar-ragunijiet fuq premessi u skond id-dispozizzjonijiet tal-artikolu 19 tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Bl-ispejjez kontra l-konvenut li hu minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat li l-konvenut, debitament notifikat, ghazel li jibqa' kontumaci ;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati ;

Semghet ix-xhieda bil-gurament ;

Ikkunsidrat;

**L-Azzjoni**

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li z-zwieg taghha kuntrattat mal-konvenut fil-5 ta' Frar 1983 huwa null fil-ligi, stante li l-kunsens matrimonjali taghha kien vizzjat fit-termini tal-paragrafu [a], dak tal-konvenut fit-termini tat-tieni parti tal-paragrafu [d], u dak tal-partijiet, fit-termini ta' l-ewwel parti tal-paragrafu [d] ta' l-artikolu 19[1] tal-Kap.255 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Il-Fatti**

Il-Qorti semghet liz-zewg partijiet jiddeponu.

Mill-provi jirrizulta li l-partijiet kienu bdew johorgu flimkien meta kellhom 17- il sena, u wara tlett snin, l-attrici harget tqila mill-konvenut. Eventwalment il-partijiet izzewgu fil-5 ta' Frar 1983, meta l-attrici kellha tlett xhur tqala', u fit-22 ta' Lulju 1983 twieled it-tifel. Sussegwentement, wara seba' snin, twieldet it-tifla fis-7 ta' Dicembru 1990. Wara konvivenza matrimonjali ta' circa sittax [16] – il sena, il-partijiet isseparaw de facto.

*Verzjoni Attrici*

L-attrici tghid li meta l- genituri taghha saru jafu li harget tqila, ommha direttament u omm il-konvenut indirettament, kienu ghamlu pressjoni fuqha sabiex tizzewweg lill-konvenut. Hi tghid li ma riditx tizzewweg, tant li kienet marret ghand tabib sabiex "tnehhi kollox"; izda eventwalment cediet ghall-pressjoni tal-genituri u zzewget.

Hija tilmenta mill-fatt li sa minn qabel iz-zwieg kien jidher li l-konvenut, allura namrat taghha, kien ghazzien u kien jiehu sick leave ghal xejn b' xejn bir-rizultat li kien jitkecca mill-impieg li jkollu. Tghid li kien jitlaq mix-xoghol, "ghax daqqa kien jugghu daru, imma l-bicca l-kbira kienu jkeccuh ghax kien ihobb jiehu hafna sick leave."[1]

Dan kien jikkontrasta hafna mal-hajja biezla li kienet tghix l-attrici li, barra l-impieg taghha full-time, kellha wkoll xoghol part-time, anke fil-forn tal-genituri taghha. Tghid

[1] Dep. attrici fol.26 *et seq.*

"tul hajti kollha hdimt, u dejjem bil-part-time, nahdem ix-xoghol tieghi, u wara naghmel il-part-time ghax ommi konna bil-hobz [forn]."[2]

L-attrici tilmenta wkoll mill-fatt li l-konvenut kellu l-vizzju tax-xorb li biz-zmien aaggrava, tant li, minhabba vjolenza fizika, l-Qorti tal-Magistrati ordnat li l-konvenut jallontana ruhu mid-dar konjugali.

Tghid li tul il-hajja mizzewga, huma kienu jiggieldu hafna minhabba n-nuqqas ta' hegga tal-konvenut ghax-xoghol, kif ukoll minhabba l-vizzju tax-xorb. Mandankollu, jirrizulta mix-xhieda taghha li l-hajja konjugali bejn il-partijiet kompliet ghaddejja, u fir-relazzjonijiet intimi ta' bejniethom ma kienux jiehdu prekawzzjonijiet sabiex hi ma tergax tinqabad tqila.  Fil-fatt fi Frar 1990 twieldet it-tifla.

Illi fl-affidavit taghha l-attrici tghid li fis-sena 1997 il-konvenut kien beda jahdem mal-Corinthia, u fil-bidu kien sejjer tajjeb "izda minn hemm beda jaghtiha ghax-xorb."[3]

Tghid li f' Settembru 1999 iddecidiet li tibda torqod f' kamra separata, izda "aktar aggravat l-affari u beda jitla fis-sakra kuljum."[4]

*Verzjoni Konvenut*

Illi fid-depozizzjoni tieghu l-konvenut jghid li ma kienx hemm problemi matul il-konvivenza matrimonjali, u li hu kien jikkuntentaha lill-attrici. Jammetti li kien jaghmel perijodi, anke twal, li fihom ma  jahdimx, filwaqt li l-attrici kienet mara biezla hafna ;  izda jichad li qabel is-separazzjoni huwa kien imur il-kazin jixrob.  Jghid : "Le, l-kazini issa mmur, mhux qabel.  Qabel dejjem id-dar jiena, qatt ma hrigt mid-dar, taf hi."[5]  Jghid li fl-inkwiet matrimonjali ma kellhux x' jaqsam ix-xorb, u li kien beda jixrob "x' hin bdejt nara l-kummiedji."  Dan kien wara z-zwieg.

---

[2] Ibid
[3] Aff. attrici fol.21 *et seq.*
[4] Ibid.
[5] Dep. konvenut fol.68 *et seq.*

Huwa jghid li hu kien accetta u ried li jizzewweg lill-attrici meta dina nformatu li harget tqila. Huwa jichad li sema' lill-genituri ta' l-attrici jghidulha li kellha tizzewweg bil-fors, izda jikkonferma li l-familja taghha kienu ghamlu pressjoni fuqha biex tizzewweg.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

*Biza'*

Illi l-attrici tghid li hi ma riditx tizzewweg, izda sussegwentement minhabba pressjoni maghmula fuqha minn ommha hija accettat li tizzewweg lill-konvenut. Tghid li ommha kienet ghamlet pressjoni fuqha biex tizzewweg, u bezzata wkoll bil-komportament ta' missierha, ukoll li omm il-konvenut qalet li jekk l-attrici titlaq il-konvenut hija kienet qed tibza' li dan jiggennen kif gralu zijuh.

In propozitu l-Qorti hija tal-fehema li l-provi mressqa mill-attrici biex tissostanzja din il-verzjoni taghha ma jwasslux ghall-prova sodisfacenti li hi zzewwget kontra l-volonta' taghha minnhabba "vjolenza fizika jew morali, jew biza." da parti tal-genituri. Tosserva li, filwaqt li taccetta bhala veritier il-fatt li l-genituri taghha kienu ezecitaw l-influwenza taghhom ta' genituri biex binthom ta' ghoxrin sena tiehu l-pass taz-zwieg, izda ma tirrizultax provata l-ezistenza tal-*vis et metus* kif koncepita fil-gurisprudenza nostrana fis-sens li biex il-vjolenza morali tivvizja l-kunsens jehtieg li din tahkem fuq persuna ragjonevoli, kkunsidrat wkoll l-fattur ta' l-eta', u ggeghlha tibza' li hija nfisha jew hwejjigha jistghu jigu mqegheda ghal xejn b' xejn f' perikolu ta' hsara kbira. Fi kliem iehor il-pressjoni jew vjolenza jehtieg li jkunu determinanti, ingusti u gravi ; u wkoll biex il-kunsens matrimonjali jkun ivvizjat bil-vjolenza jew bil-biza' fis-sens tal-ligi jehtieg li dik il-vjolenza jew biza tkun tali li mhux biss akkumpanjat il-kunsens, izda iddeterminat kompletament l-ghoti ta' dak il-kunsens. "Il matrimonio e' nullo se si celebra per timore, e non e nullo se si celebra con timore" [Bersini]. Il-biza trid

tkun ta' certu portata b' mod li tkun tista' tidditermina kompletament l-ghoti tal-kunsens.

F' dan il-kaz, dan il-grad ta' biza' fl-attrici ma jirrizultax provat ; izda jirrizulta li l-attrici eventwalment giet perzwaza li taccetta li tizzewweg lill-konvenut [li, wara kollox, kienet ilha tohrog mieghu tlett snin li matulhom kellha relazzjonijiet intimi mieghu] u b'hekk accettat liberament li tghix il-hajja konjugali mieghu ; tant, li wara sitt snin ta' konvivenza matrimonjali huma kellhom tarbija ohra. Ghaldaqstant dan il-caput nullitatis ma jikkonfigurax.

*Diskrezzjoni ta' Gudizzju*
Illi fl-ewwel lok jigi osservat li dak li hu relevanti ghall-finijiet ta' l-ezami odjern huwa l-forma mentis tal-partijiet fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali.

Fil-kaz in dizamina, ghalkemm jirrizulta li f' xi stadju matul il-konvivenza matrimonjali l-konvenut kien beda jabbuza mill-alkolhol, ma jirrizultax li dan kien fil-bidu tal-konvivenza. Di fatti l-attrici stess tghid li huwa kien qabad jixrob fis-sena 1997 meta beda jahdem il-Corintha, u ghalhekk erbatax [14]-il sena wara d-data taz-zwieg. Minn naha tieghu l-konvenut jghid li hu kien beda jixrob minhabba s-separazzjoni mitluba minn martu, u f'dan isib konfort fir-rapporti tal-pulizija ezebiti mill-attrici u li jirreferu ghall-perijodu li jestendi mill-15 ta' Frar 2000 sal-24 ta' Mejju 2000. Ghaldaqstant l-attrici ma rnexxilhiex tipprova li dan il-vizzju kien prezenti meta l-konvenut taha l-kunsens matrimonjali tieghu.

Illi l-ilment principali ta' l-attrici fil-konfront ta' zewgha l-konvenut huwa li dan, sa minn qabel iz-zwieg, ma kienx juri hegga ghax-xoghol, tant li kien jiehu hafna sickleave, bir-rizultat li kien jitlef l-impiegi li kien ikollu; filwaqt li hi kienet mara habrieka hafna u kienet il-bastun finanzjarju tal-familja. Dan jammettih anke l-konvenut fix-xhieda tieghu.

Izda l-Qorti ma thossx li l-fatt li l-konvenut kien ghazzien, kien irrendih inkapaci li jassumi l-obbligi matrimonjali tieghu, jew li kellu difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju

fuq id-drittijiet u d-dmirijiet tal-hajja konjugali. Mill-provi jirrizulta li l-konvenut kien jaghmel xoghol u kellu mpieg, minn zmien ghal zmien ; forsi, kien jabbuza mill-fatt li martu, mara habrieka, kellha zewg jobs, izda dana ma jwassalx ghall-konkluzjoni li hu kien daqshekk irresponsabbli u menefregista li ma kienx kapaci ghall-hajja konjugali.  Di fatti l-partijiet ghexu flimkien circa sittax [16]-il sena, li matulhom kellhom wild iehor, u, ghalkemm l-attrici kienet tkun imdejqa minhabba li f' ghajnejha zewgha kien ghazzien, hija xorta wahda kompliet tikkonvivi mieghu, u tghix il-hajja konjugali mieghu b' relazzjonijiet intimi miftuha ghat-tfal.

Huwa ozzjuz li jinghad li mhux kull nuqqas tal-konjugi jikkostitwixxi raguni legalment valida ghall-annullament.

Rigward din il-kawzali in kwantu diretta lejn l-attrici stess, il-Qorti tosserva li din manifestament ma' tikkonfigurax.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehema li t-talbiet attrici ma jsibux sostenn fil-provi, u ghalhekk ser jigu michuda.

**Decide**
Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tichad it-talbiet attrici, bl-ispejjez.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------